MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 610/2004

**Montaldo Insurance Agency Ltd bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Andrew Pace u L-istess Andrew Pace.**

**vs**

**Darren Mallia**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-23 ta' Marzu, 2004 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija erbgha u disghin lira Maltija u tlieta u tletin centezmi (Lm394.33) dovuti in kwantu ghas-somma ta' tlett mija wiehed u hamsin lira u tmien centezmi (LM351.08) bhala danni kagunati fil-vettura ta' l-attur Andrew Pace, hdax-il lira u hamsin centezmu (LM11.50) prezz**

**ta' survey, tlett liri (LM3) prezz ta' rapport tal-pulizija u tmienja u ghoxrin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm28.75) kwantu ghal hamest ijiem telf ta' uzu tal-vettura HAD021, u dan b'rizultat ta' incident stradali li sehh fil-hdax ta' Ottubru 2002 fi Triq Psaila, Birkirkara, waqt li l-istess konvenut kien qed jsuq il-vettura LAD671 ta' proprjeta' tieghu stess u dahal gol-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAD021 proprjeta' ta' l-attur Andrew Pace u misjuqa minnu stess ghal liema incident kien unikament responsabbli l-konvenut Darren Mallia kawza ta' inprudenza, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' l-avviz u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra ir-risposta tal-konvenut prezentata fil-hamsa u ghoxrin ta' Mejju 2004 fejn ntqal:**
**i. It-talba attrici ghandha tigi michuda stante illi l-konvenut bl-ebda mod ma kien negligenti, traskurat jew naqas li josserva r-regolamenti tat-traffiku u l-incident mertu ta' din il-kawza huwa responsabbli ghalih unikament l-assigurat tas-socjeta' attrici stante negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.**
**ii. fit-tieni lok, minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-danni li allegatament soffra l-assigurat tas-socjeta' attrici huma eccessivi u bl-ebda mod ma jirriflettu l-hsara u d-danni realment subiti.**
**iii. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' PS226 Paul Bonanno, Andrew Pace, David Debono, Darren Mallia, Paul Ciappara, Colin Cassar. Ha konjizzjoni tad-dokumenti ezibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet fil-hdax ta' Ottubru 2002 fil-kantuniera bejn Triq Psaila u Triq Wignacourt B'Kara. Il-kollizjoni sehhet bejn il-vetturi**

**HAD021 misjuqa mill-attur u l-vettura LAD671 misjuqa mill-konvenut.**

**2. Skond l-attur, fil-mument tal-kollizjoni hu kien wieqaf fil-post kif indikat fl-iskizz a fol. 28 tal-process. L-attur jghid illi hu kien wieqaf biex jara jekk kienx gej traffiku, u kif waqaf il-konvenut tkaxkar ghal fuqu. L-attur jsostni illi l-konvenut kien mghaggel.**

**3. il-konvenut kien qed jsuq fi Psaila Street, cioe' kien gej minn side street biex jidhol ghal go Psaila Street u jaqsam ghal faccata. Skond hu ma kienx hemm karozzi ghaddejjin fi Psaila Street u habat ma' l-attur fi Psaila Street peress illi l-attur kien hiereg mis-side street ta' faccata. Il-konvenut jghid illi l-attur kien sporgut aktar mill-istop sign indikat ma' l-art u li meta habtu kienu mexjin. Il-konvenut jghid ukoll illi lill-attur rah mal-habta peress illi huwa qasam meta l-vettura li kienet gejja minn B'Kara cedietlu biex jghaddi ghal go triq Wignacourt.**

**4. it-Tribunal qed jaghmel referenza ghar-road accident report Dok. A fejn il-partijiet basikament qed jikkonfermaw il-pozizzjoni moghtija fid-deposizzjoni tagghom.**

**5. it-Tribunal qed jaghmel referenza ghax-xhieda ta' PS226 Paul Bonanno fejn dana jikkonferma l-isketch esebit u jghid illi fil-parti fejn ma hemmx l-istop ma' l-art hemm wisa' bizzejjed biex tghaddi karozza u dana fi Triq Wignacourt. Is-Surgent testwalment jghid hekk "ma kienx hemm karozzi jostakolaw sabiex il-vettura LAD671 tghaddi mill-parti fejn ma hemmx l-istop sign".**

**6. jirrizulta illi l-attur kellu danni fuq il-mudguard u l-bumper ta' quddiem in-naha tal-lemin u dana kif jirrizulta mir-ritratti u survey Dok. DD1. jirrizulta ukoll illi kellu fanal tal-genb mkisser. Il-vettura tal-konvenut kellha id-danni fuq quddiem in-naha tal-lemin.**

**7. It-Tribunal ma jarax l-ebda raguni il-ghala m'ghandux jemmen il-versjoni tas-surgent. Minn din il-versjoni jirrizulta illi l-incident gara qabel ma l-attur kien ghadda l-istop sign, jirrizulta illi il-konvenut kien qasam direttament ghal karreggata li minnha kien gej l-attur meta hu kien fi dmiru illi jmur lejn il-karreggjata l-ohra. Huwa verosimili dak li qed jghid l-attur illi il-**

**konvenut kien mghaggel meta habat fih. Tenut kont ta’ dana kollu t-Tribunal huwa tal-fehma illi ghall-incident in kwistjoni ghandu jigi ritenut unikament responsabbli l-konvenut li ma zammx a proper lookout ghal vetturi gejjin mill-faccata, u illi mar kontra ir-regolamenti tat-traffiku bil-mod kif intenta jidhol ghal go Triq Wignacourt billi minflok ma marx lejn il-lemin ta’ l-imsemmija triq mar ghal fuq ix-xellug taghha.**

**8. bhala danni dawna jirrizultaw provati mir-ricevuti esebiti a fol. 17 sa 27 tal-process u ma hemm ebda indikazzjoni illi tali danni huma ezagerati kif qed jikkontendi l-konvenut.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jsib lil konvenut unikament responsabbli ghal kollizjoni li sehhet jikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta’ tlett mija erbgha u disghin lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (LM394.33) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-tlieta u ghoxrin ta’ Marzu 2004 sad-data tal-pagament effettiv.**

**l-ispejjez ta’ dina l-istanza nkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma’ l-avviz ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------